MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 2005/2003

**Emanuel u Anthony ahwa Buhagiar**

**Vs**

**Marlon Debattista**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta Ottubru 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba mitt lira (LM400) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta in konnessjoni ma xogohlijiet esekwiti fil-fond 6 Triq l-Msida, B’kara.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra legali datata 23 ta April 2003, 5 ta Mejju 2003 u 30 ta Gunju 2003 Dok A, B, u C u bl-imghax skond il-ligi dekorribbli minn Mejju 2002 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 13 ta Novembru 2003 fejn ikkontesta t-talba attrici stante (a) pagament u (b) l-ammont mitlub huwa ezagerat.

Ra l-provi mressqa mill-atturi konsistenti f'zewg affidavits taghhom stess mmarkati Dok EB1 u Dok EB2 u dawk imressqa mill-konvenut tramite x-xhieda tieghu bil-gurament. It-Tribunal innota wkoll li baqa qatt ma saru l-kontro-ezamijiet relattivi u n-Noti ta sottomissjonijiet finali;
Ikkunsidra.

Illi skond l-atturi huma kienu ftiehmu li jahdmu fid-dar tal-konvenut bir-rata ta Lm40 kuljum u b'kollox hadmu 18-il gurnata cioe kwindi total ta Lm720. Minn dan l-ammont il-konvenut hallas Lm300 akkont u ried fl-ahhar ihallas biss Lm100 ohra ghas-saldu minnflok Lm420 – kwindi l-kawza odjerna.

Il-konvenut minn-naha l-ohra ighid li x-xoghol globali kellu jkun fl-ammont ta Lm300 skond stima tal-istess atturi u meta dan hallashom, l-atturi talbuh somma addizzjonali ta Lm100 stante kalkolu hazin. Hu ma jaqbilx ma l-allegat ftehim ta Lm40 kuljum u difatti kien proprju meta huwa ried ihallsu l-ahhar pagament ta Lm120 ghas-saldu li l-atturi bdew jippretendu ftehim bir-rata ta Lm40 kuljum.

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-konvenut hallas Lm300 oltre li offra pagament ta Lm120 ghas-saldu.

Illi dwar x'kien il-ftehim bejn il-partijiet, cioe jekk hux bil-gurnata jew ghall-ammont globali skond stima, t-Tribunal josserva li tali prova tispetta u tinkombi lill-atturi sal-grad rikjest mill-ligi. Illi l-atturi naqsu li jgibu tali prova b'mod soddisfacenti partikolarment fid-dawl tal-kontestazzjoni tal-konvenut izda wkoll naqqsu li jgibu prova u rendikont aktar dettaljat dwar il-granet ta xoghol li huma haddmu.

Illi fl-istess hin jigi osservat li l-konvenut donnu qed jammetti li fadallu jhallashom is-somma ta Lm120 offerta minnu ghas-saldu u mhux accettata mill-atturi pero huwa naqas ukoll li jiddeposita tali somma taht l-Awtorita tal-Qorti sabiex jezimi ruhu minn kwalsiasi responsabbilita;

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi ghar-ragunijiet premessi filwaqt li qed jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut qed jilqa t-talba tal-atturi pero limitatament biss fir-rigward is-somma ta mija u ghoxrin lira (LM120) u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma ridotta ta mija u ghoxrin lira (Lm120) bl-ispejjes ta din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------